MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 91/2002

Luigia Mompalao u żewġha Effie Mompalao

vs

Dominic Attard, u
Philip Bonnici

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi nhar it-tmienja ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed (8/11/2001) waqt li l-attriċi Luigia Mompalao kienet qed taqsam minn fuq pedestrian crossing fi Triq Putirjal, Victoria, Għawdex hija ġiet imtajjra ossia mirfusa minn vettura (xarabank) tal-marka AEC bin-numru tar-

reġistrazzjoni FBY 019, misjuq mill-konvenut Domnic Attard.

Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, da parti tal-konvenut Domnic Attard, li barra minn hekk naqas li jirrispetta r-regoli applikabbli għal pedestrian crossing.

Illi l-konvenut Attard kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura bħala parti minn l-impieg tiegħu mal-konvenut Bonnici.

Illi kawża ta' dan l-inċident l-attriċi Luigia Mompalao sofriet debilita' permanenti f'ġisimha, u konsegwenti għal din id-debilita' kienet u għadha qed issofri għadd ta' danni konsistenti kemm f'danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti.

Illi l-atturi jridu jiġu kkompensati għal dawn id-danni, u minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu minn li jersqu għal xi likwidazzjoni u għal kuntrarju minkejja diversi wegħdi ħallew lil atturi jistennew.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-inċident fuq imsemmi li seħħ nhar it-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) fi Triq Putiejal, Victoria, Għawdex, seħħ unikament ħtija tal-konvenuti.

2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti minn l-atturi jekk hemm bżonn bl-assistenza ta' periti nominandi, kemm dawk li huma danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti.

3. Tikkundanna lil konvenuti jew min minnhom iħallsu dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-17 ta' April 2002 u tal-15 ta' Lulju 2002, u dawk ta' l-ittra uffiċċjali tat-8 ta' April 2002. Bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament maħlufa mill-attriċi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Preliminarjament, illi l-konvenut Philip Bonniċi ma hux il-leġittimu kontradittur għaliex ma kien b'ebda mod involut f'dan l-inċident. Il-pożizzjoni tiegħu ta' sid tal-vettura misjuqa mill-konvenut l-ieħor ma tgħabbihx ġuridikament b'xi responsabbilita' għall-inċident li fih kienet involuta dik il-vettura. Del resto l-inqas jirriżulta miċ-ċitazzjoni x'inhi r-responsabbilita' tal-konvenut Bonnici u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza da parti ta' l-attriċi.

Salvi eċċezjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Dominic Attard.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2003 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Carmel Sciberras bħala espert mediku sabiex, wara li jeżamina lill-attriċi, jirrelata dwar il-kundizzjoni tas-saħħa tagħha.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fl-10 ta' Gunju 2003 u minnu maħlufa fid-9 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal tagħha tat-30 ta' Marzu 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi in segwitu għal inċident stradali li fih il-vettura misjuqa mill-konvenut Attard u proprjeta' tal-konvenut l-ieħor, investiet lill-attriċi waqt li din kienet qed taqsam minn fuq *zebra crossing* li hemm fil-*bus terminus* tar-Rabat, Għawdex. Konsegwenza ta' hekk, l-attriċi sofriet ġrieħi ta' natura permanenti fuq il-persuna tagħha, billi parti mill-pala ta' sieqha l-leminija kellha tiġi amputata. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' *colpa*, kif jippretendu li hu l-każ preżenti l-atturi.[2]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

L-inċident mertu tal-kawża ġara fit-8 ta' Novembru 2001 għall-ħabta tad-8.45 a.m. waqt li l-attriċi kienet qed taqsam minn fuq *pedestrian crossing* li minn fuq bankina li tifred Triq Putirjal mill-*bus terminus* tar-Rabat, tgħaddi ħdejn *centre-strip* li jifred l-istess *bus terminus* minn Triq Salvatore Psaila, u mbagħad tibqa' sejra sal-bankina li

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2
[2] art.1033 Kap.16
[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p.32 - 33 .

twassal sa Pjazza San Frangisk.[4] Il-konvenut Attard, li kien qed isuq karozza tal-linja, kien għadu kemm ħareġ mit-*terminus*, ġibed 'l fuq fid-direzzjoni ta' Pjazza San Frangisk, u kiser lejn ix-xellug tiegħu biex jerġa' jidħol fit-*terminus.* Imma hekk kif dar mal-bankina li tifred it-triq mit-*terminus*, ħakem sieq il-leminija ta' l-attriċi bir-rota ta' quddiem tax-xellug tal-vettura li kien qed isuq.[5] B'konsegwenza ta' dan, l-attriċi weġġgħet b'mod gravi u spiċċat b'debilita' permanenti ta' ċerta entita'.[6]

PROVI

Is-surgent John Grima, li nvestiga l-każ, l-għada ta' l-inċident, kellem lill-**attriċi** l-Isptar Generali ta' Għawdex, fejn ittieħdet immedjatament għall-kura. L-attriċi fissret dak li ġara bil-mod segwenti:

"*Kont qed naqsam fuq il-pedestrian crossing min-naħa tal-bus terminus 'l fuq lejn Triq Salvatore Psaila. It-triq kienet clear u dak il-ħin kont qed naqsam waħdi. F'daqqa waħda hekk kif kont f'nofs il-pedestrian crossing, xi ħadd rifisli saqajja tal-lemin. Malajr indunajt li bus ġiet fuqi. Il-bus milli nista' niftakar waqfet minnufih.*" [7]

Fl-affidavit tagħha quddiem din il-Qorti, rrepetiet bejn wieħed u ieħor l-istess verżjoni f'iżjed dettal, tant illi żiedet illi x'ħin ġiet biex taqsam minn fuq il-*pedestrian crossing:* "*ħarist fuq ix-xellug tiegħi kif ukoll lura biex nara hemmx xi vetturi jissenjalaw li ser jidħlu f'dik il-parti, u ma rajt lil ħadd ġej u għalhekk bdejt naqsam. … kont qisu wasalt f'nofs l-ewwel parti taż-żebra crossing. Dejjem nikkalkula li kont imxejt madwar erbgħa strixxi bojod. F'daqqa waħda nara xarabank tal-linja li kienet ġejja minn warajja ddur għal fuqi, b'mod li kien jidher ovvju li lili ma kienitx qed tarani, għaliex ma kkalkulanix. Mingħajr ma kelli ċans nagħmel l-ebda moviment, il-vettura tal-linja kienet fuqi. Din għaddiet tħaxken eżatt miegħi tant li rifsitli l-pala ta' sieqi l-leminija … Smajt in-nies ta' ġo l-vettura jgħajjtu biex ix-*

---

[4] ara skizz redattt mis-surgent John Grioma, esebit a fol. 40 tal-process .
[5] ara rapport ta' l-okkorrenza relattiva a fol. 36 - 39 tal-process .
[6] ara rapport ta' l-espert mediku a fol. 14 - 16 tal-process .
[7] ara okkorrenza a fol. 37 – 38 .

*xufier iwaqqaf. Meta x-xufier waqqaf il-vettura tiegħu, ir-rota ta' quddiem kienet diġa daret kompletament minn fuq sieqi … Ix-xufier niftakar li niżel mill-vettura u beda jagħti fuq wiċċu u jgħid 'ajma x'biċċa ġratli, ma rajtekx, ma rajtekx'*. "[8]

Ix-xufier tax-xarabank, **il-konvenut** Domenic Attard *a tempo vergine* spjega lis-surġent illi:

"*Kont fi triqti lejn l-Imgarr. Hriġt mill-bus terminus u għal Triq Putirjal u dort 'l fuq. Kelli l-ħsieb li nilwi lejn ix-xellug sabiex ngħaddi mill-parking area. Peress li ma rajt lil ħadd jistenna fuq il-pedestrian crossing, bdejt indur lejn ix-xellug. F'daqqa waħda l-passiġġieri bdew jgħajtu u jien waqaft. Sibt mara ħdejn ir-rota ta' quddiem tax-xellug*." [9]

Fl-affidavit tiegħu ppreżentat quddiem il-Qorti żied ifisser kif: "*L-inċident ġara wara li ħriġt mil-bus terminus, tlajt Triq Putirjal u ġejt erġajt dħalt fil-bus terminus. Biex għamilt din il-manuvra, xegħelt l-indicators bħas-soltu u ċċekkjajt li ma kien hemm ħadd fit-triq, b'mod partikolari ċċekkjajt żebra crossing li kont ser naqsam minn fuqha jien u dieħel fil-bus terminus. Imbagħad bdejt nikser għal ġewwa l-bus terminus u jien u nikser rajt li kien hemm grupp ta' nisa jitkellmu fuq bankina li hemm ma' ġemb Triq Putirjal. Dak il-ħin kont qed insuq bi-mod ħafna.*

*Komplejt biex ksirt għal ġewwa l-bus terminus. X'ħin għamilt il-manuvra kollha li kelli nagħmel biex indur u kont kważi drittajt ir-roti tax-xarabank għal kollox, f'daqqa u l-ħin smajt xi għajjat u jien waqaft immedjatament. Ħsibt li forsi kien hemm xi ħadd li wasal tard u ried jirkeb il-karozza tal-linja. Imbagħad rajt li l-passiġġieri kienu qed jinżlu mill-karozza tal-linja. Hemmhekk indunajt li ġara xi ħaġa u nżilt warajhom biex nara x'ġara u rajt lill-attriċi fl-art.*

*L-attriċi kienet tinsab ma' ġemb il-karozza tal-linja ftit quddiem ir-rota ta' quddiem tax-xellug tiegħi (iżda dejjem ma' ġemb il-vettura)*." [10]

---

8 a fol. 30 tal-proċess .
9 ara okkorrenza a fol. 37 tal-process .
10 ara affidavit tiegħu a fol.72 – 73 .

Is-**surġent Grima,** wara li esebixxa kopji ta' li skizz redatt minnu dwar dan l-inċident u l-okkorrenza relattiva, spjega kif li *spot of impact* irriżultatlu fejn ir-rota ta' quddiem tax-xellug tax-xarabank, 3.8 metri 'l bogħod mill-kurvatura tal-bankina. Huwa nnota illi r-roti ta' quddiem kienu għadhom milwija[11]

**Mary Micallef,** passiġġiera fuq ix-xarabank, li kienet bil-qiegħda n-naħa tad-*driver* spjegat illi: "*Kif appena l-karozza tal-linja bdiet dieħla min-naħa ta' fuq u ċioe' kif qabdet iż-żebra crossing, smajt nies minn barra l-karozza jgħajtu b'leħen għoli 'Waqqaf waqqaf għax tajjart mara.' Ix-xufier naf li waqqaf mill-ewwel. Inżilt nara x'kien ġara għax jien minn naħa tiegħi ma kont rajt xejn. Rajt lil Luigia Mompalao. Kienet fl-art fejn it-tyre ta' quddiem tax-xellug tal-vettura. Hi kienet bejn wieħed u ieħor f'nofs iż-żebra crossing. Naf li x-xufier beda' jagħti fuq wiċċu u jgħajjat 'Ma rajtekx, ma rajtekx'*. " [12]

RESPONSABILITA'

Kif jammetti l-istess konvenut, huwa fl-ebda mument ma ra lill-attriċi fit-triq, qed taqsam minn fuq il-pedestraian crossing. Infatti waqaf x'ħin ġibdulu l-attenzjoni l-passiġġieri li kien hemm fuq ix-xarabank. Dan pero' ma jiskolpihx mill-ħtija, għax l-obbligu tiegħu bħala sewwieq ta' vettura, u speċjalment meta kien qed isuq vettura tal-kobor ta' xarabank, kien illi jżomm f'kull mument *a proper look out* ta' dak kollu li kien hemm fit-triq minn fejn kien għaddej. Huma prinċipji stabiliti fil-ġurisprudenza illi kull sewwieq għandu f'kull waqt tas-sewqan tiegħu jżomm dak li jissejjaħ *a proper look out*, senjatament qabel, fil-mument u waqt li jkun qed jagħmel xi manuvra. Hekk ukoll għandu jirregola s-sewqan tiegħu skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom.[13] Ġie

[11] ara skizza fol. 40 .
[12] ara affidavit tagħha a fol. 18 .
[13] Prim'Awla : Stefan Bonello vs Carmelo Abela : 21.10.2002; Richard Fenech vs Rook Construction Ltd. : 3.10.2003; Hoti Lal vs Joseph Dingli : 1.4.2003; Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joe Camenzuli:

ribadit ukoll illi: "*Id-dover tas-sewwieq li jżomm* ***a proper look out*** *tfisser li min isuq irid ikun f'kull ħin konxju ta' dak li kien qed jiġri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'pożizzjoni li tempestivament jirreaġixxi għal kull eventwalita'*." [14] Fil-każ in eżami l-konvenut jipprova jiskolpixxi ruħu u jitfa' l-ħtija għal dak li ġara fuq l-istess attriċi billi jikkontendi illi din qabdet u qasmet it-triq b'mod ażżardat. Jekk, kif jikkontendi l-konvenut, verament kien hemm xi grupp ta' nisa miġburin jitkellmu fuq il-bankina ħdejn il-pedestrain crossing li huwa ried jaqsam biex jerġa' jidħħl ġot-terminus, iżjed ried joqgħod attent li ma jkunx hemm xi waħda minnhom li jfettlilha taqbad u taqsam proprju dak il-ħin. "*When there are pedestrians about, the driver or rider must be ready in case they step from a street refuge or a foot path or from behind a vehicle or other obstruction and also be prepared for children, knowing that they may be expected to run suddenly on the road*."[15] Ma ġiex ippruvat li l-attriċi kienet waħda minn dawn in-nisa, u fil-fatt hi lanqas biss isemmihom. Imma fi kwalunkwe każ żgur li ma setgħetx ikun li hija ssorprendiet lill-konvenut billi qabdet u qasmitlu għall-arrieda. Irriżulta mill-*ispot of impact* illi l-inċident seħħ meta l-attriċi kienet ġia mbeghda tliet metri punt tmienja metri (3.8m) mill-iktar parti sporġuta tal-bankina, u għalhekk kienet ġia mxiet distanza konsiderevoli fuq il-*pedestrian crossing* qabel ma tfaċċa x-xarabank tal-konvenut minn warajha. Anke kieku l-attriċi, kif donnu qed jargumenta l-konvenut, setgħet tarah dieħel ġo t-*terminus* kieku ħarset sewwa lura, dan xorta waħda ma jiskolpihx mill-ħtija, ghħx: " … *if by the exercise of reasonable care the driver can see a pedestrian on the crossing, it is no defence to prove that before moving on the crossing, the pedestrian did not move to check for the presence of traffic*." [16]

Jibqa' biss sabiex jiġi nvestigat jekk kienx hemm xi ħtija kontributorja da parti ta' l-attriċi stess. L-obbligi tal-

---

26.4.2001 u Untours Insurance Agents Ltd. vs Etienne Saliba : 29.1.2004 .

[14] Appell : George Scicluna vs Victor Cini .

[15] Charlesworth and Percy on Negligence: para.9 – 217 .

[16] Bailey vs Geddes 1938, iċċitat fiċ-Charlesworth, ibid. para.9 – 223 .

*pedestrian*, ġew spjegati sewwa fil-ġurisprudenza bil-mod segwenti:

"*Normalment, meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabilita' tal-għemil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun*. (P.A., P.S. 27.06.200 fil-kawża fl-ismijiet Mary Zarb et s. Mauro Overend). *Dan jingħad l'għaliex id-determinazzjoni tar-responsabilita' għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Illi huwa llum stabilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mil-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq għall-għarrieda … jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna.* (P.A., GV. 285. 2003 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Urpani vs. Giacinto Bartolo.)" [17]

L-attriċi ssostni fid-depożizzjoni tagħha illi hija ħadet il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel ma ddeċidiet li taqsam. Hija ħarset lejn ix-xellug u lura, rat li ma kien ġej l-ebda traffiku u qasmet kif suppost minn fuq *pedestrian crossing*. Kif ġie aċċennat iżjed 'l fuq, hija kienet ġia mxiet kawżi erba' metri fit-triq x'ħin intrifset mir-rota ta' quddiem tax-xellug tax-xarabank u għalhekk ma setgħetx ħasdet lis-sewwieq b'xi manuvra ażżardata. M'hemm xejn għalhekk x'wieħed jiċċensura fil-komportament tagħha.

Għaldaqstant f'tali ċirkostanzi huwa opportun illi l-ħtija għal dan l-inċident tiġi akkolta unikament lis-sewwieq tax-xarabank, Dominic Attard. L-atturi ħarrku wkoll lil Philip Bonnici bħala s-sid ta' l-istess vettura. Imma ma pproduċew l-ebda provi illi dan b'xi mod kellu x'jaqsam mal-inċident mertu tal-kawża u għalhekk huwa l-każ li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

[17] P.A. Gerhard Kruger vs Paul Bondin : 4.11.2004 .

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[18] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispeċie.[19]

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

Ma tressqu ebda provi dwar l-ispejjeż inkorsi mill-atturi in konnessjoni ma' dan l-inċident, u għalhekk m'hemm xejn x'jiġi likwidat f'dan ir-rigward.

**Lucrum Cessan**s:

Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom ….. Diversi drabi l-qrati tagħna*

[18] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[19] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL.I.73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019 .

*segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'.*[20] Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża : ***"****Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[21] Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali.[22]

L-espert mediku Mr. Carmel Sciberras stabilixxa r-rata ta' diżabilita' permanenti li qed issofri minnha l-attriċi bħala waħda ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).[23] Il-konvenut Attard qed jikkontesta din il-perċentwali għax jaraha esaġerata. Imma tenut kont illi l-attriċi spiċċat b'parti mill-pala ta' sieqha l-leminija amputata, u li trid tilbes bilfors żraben speċjali biex tkun tista' timxi. Meħud in konsiderazzjoni illi l-attriċi ma tistax timxi fit-tul daqs kemm kienet qabel u lanqas ddum wieqfa għax tgħejja malajr minħabba l-kundizzjoni tagħha, u li xi faċendi jkollha tagħmilhom bil-qiegħda jew inkella tfittex l-għajnuna,[24] ma

---

[20] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .

[21] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994 .

[22] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003

[23] ara rapport a fol. 16 .

[24] ara affidavits ta' l-atturi w uliedhom .

jidhirx illi hemm x'wieħed jikkritika fil-konklużjonijiet peritali. Ħlief għal raġunijiet gravi l-Qorti għandha toqgħod fuq opinjoni teknika, u ċertament hawnhekk mhux il-każ li ssir tali varjazzjoni.

Meta seħħ dan l-inċident l-attriċi kellha 51 sena u ma kienitx qed taħdem bi qliegħ. F'ċirkostanzi simili fejn il-vittma kienet ukoll mara tad-dar ntqal illi : "*Il-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż, għal dan il-fatt waħdu*. [25]

Hekk ukoll : 'ġ*ie stabilit mill-Qrati tagħna li mara tad-dar għandha dritt għall-kumpens u x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku. Dan m'għandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali,*" [26] u li "*mara tad-dar m'għandhiex titqies li tieqaf minn dan ix-xogħol mal-għeluq ta' l-eta' pensjonabbli*." [27]

Jidher illi fiċ-ċirkostanzi multiplier ta' għoxrin (20) sena għandu jkun wieħed raġonevoli.[28] Fil-każ in eżami ma kienx hemm xi dewmien speċjali biex tinqata din il-kawża, u għalhekk għandu jkun hemm is-solitu riduzzjoni ta' għoxrin fil-mija minħabba l-*lump sum payment*.

Għaldaqstant l-ammont dovut lill-atturi in linea ta' *lucrum cessans* għandu jinħadem bil-mod segwenti:

Lm57.88 (paga minima nazzjonali) x 52 (gimgħat fis-sena) x 20 (*multiplier*) x 25 % (perċentwali ta' diżabilita') - 20% (minħabba l-*lump sum payment*) = Lm12039.04

RI-EPILOGU

Għalhekk l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati lil-attriċi Luigia Mompalao per

[25] Prim'Awla : Silvia Rosso vs Etienne Galea : 3.4.2003 .
[26] Prim'Awla : Saviour Sammut vs Robert Demanuele : 12.07.2002 .
[27] Prim'Awla : Margaret Zammit vs Hydaman Sportswear Limited : 23.11.2001 .
[28] ara : Sammut vs Demanuele . gia ċċitata .

konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti:

1. Damnum emergens : xejn
2. Lucrum Cessans : Lm12039.

- Total ta : Lm12039

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. tiddikjara lill-konvenut Dominic Attard unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;

2. tillibera lill-konvenut l-ieħor Philip Bonnici mill-osservanza tal-ġudizzju;
3. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' tnax-il elf u disa' u tletin lira maltija (Lm12039); u

4. tikkundanna lill-istess konvenut Attard sabiex iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Attard, ħlief għal dawk tal-konvenut Bonnici li jibqgħu a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------